**Parlament Ewropew**
2019-2024



**2022/2140(INI)**

21.3.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-iżgurar li t-trasport Ewropew jaqdi l-bżonnijiet tan-nisa
(2022/2140(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Caroline Nagtegaal



*Magħquda fid-diversità*

PA_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2009 bit-titolu "Futur sostenibbli għat-trasport: lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment" (COM(2009)0279),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol[1],

– wara li kkunsidra r-Rapport speċjali tal-Ewrobarometru (Nru 495) tas-17 ta' Ġunju 2020 dwar il-mobbiltà u t-trasport, li jinkludi xi sejbiet diżaggregati skont il-ġeneru dwar l-użu ta' għażliet differenti ta' trasport u mobbiltà,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi[2],

– wara li kkunsidra l-istudju mitlub mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tiegħu bit-titolu "Women and Transport" (In-Nisa u t-Trasport) u ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2021,

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2022 bit-titolu "Study on the social dimension of the future EU transport system regarding users and passengers: Final report" (Studju dwar id-dimensjoni soċjali tas-sistema tat-trasport futura tal-UE rigward l-utenti u l-passiġġieri: Rapport finali),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità[3],

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2023 dwar l-iżvilupp ta'

[1] ĠU C 349, 17.10.2017, p. 56.
[2] ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1.
[3] ĠU C 363, 28.10.2020, p. 164.

strateġija tal-UE favur l-użu tar-roti[4],

A. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija wieħed mill-valuri fundamentali tal-UE u prinċipju li fuqu ma jista' jkun hemm ebda kompromess; billi l-UE għandha tkompli tmexxi l-isforzi globali f'dan il-qasam; billi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi bħal sess, razza, kulur, nisel etniku jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' xorta oħra, sħubija fi kwalunkwe minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali hija kontra l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea[5];

B. billi bilanċ imtejjeb bejn il-ġeneri u diversità u inklużjoni akbar iwasslu għal postijiet tax-xogħol aktar diversi, u b'hekk tiżdied l-attraenza tal-impjiegi tat-trasport u l-kompetittività tas-settur tat-trasport kollu kemm hu;

C. billi fl-1 ta' Jannar 2021, kien hemm 229 miljun mara u 219 miljun raġel fl-Unjoni Ewropea[6], fatt li għandu jkun rifless f'miżuri ta' politika mfasslin apposta fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-trasport f'kull Stat Membru; billi l-morfoloġija tal-ġisem differenti tal-irġiel u tan-nisa, xejriet differenti fil-mobbiltà taż-żewġ sessi, kif ukoll il-bżonnijiet speċifiċi ta' gruppijiet ta' età differenti għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta'politika tat-trasport; billi l-monitoraġġ u r-rappurtar jistgħu jservu bħala l-bażi għall-irfinar tal-miżuri li diġà huma fis-seħħ, b'mod partikolari billi jkun hemm kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali, partikolarment dawk li jirrappreżentaw lin-nisa; billi s-settur tat-trasport qiegħed jiffaċċja kriżi bla preċedent b'riżultat ta' nuqqas ta' ħaddiema;

D. billi skont id-data disponibbli, in-nisa għandhom it-tendenza li jivvjaġġaw bit-trasport pubbliku u jimxu aktar mill-irġiel; billi n-nisa għandhom it-tendenza li spiss jagħmlu vjaġġi multipli u indiretti fl-istess jum (trip-chaining); billi n-nisa jivvjaġġaw aktar ta' spiss waqt ħinijiet mhux ta' traffiku intensiv filwaqt li l-irġiel huma iżjed probabbli li jivvjaġġaw waqt l-aktar sigħat ta' traffiku intensiv[7];

E. billi n-nisa jammontaw għal 22 % biss tal-forza tax-xogħol tas-settur tat-trasport filwaqt li fl-istess ħin is-settur qed ibati minn nuqqasijiet serji ta' ħaddiema fil-modi tat-trasport kollha; billi n-nisa jaffaċċjaw riskju akbar ta' vjolenza u fastidju fit-trasport pubbliku mill-irġiel, li jaffettwa ħażin l-għażliet ta' trasport, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet soċjali tan-nisa; billi jeżistu għadd ta' ostakli fis-settur tat-trasport li jagħmlu l-impjiegi fis-settur inqas attraenti għan-nisa, bħal kultura maskili u sterjotipi tal-ġeneru, diskriminazzjoni u trattament mhux ugwali; billi l-ġlieda kontra l-isterjotipi, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-istabbiliment ta' trattament ugwali u ta' bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-għoti ta' aċċess għal faċilitajiet sanitarji xierqa, u l-iżgurar ta' postijiet tax-xogħol sikuri huma l-fatturi ewlenin għall-attrazzjoni u ż-żamma tan-nisa fl-industrija tat-trasport[8];

---

[4] Testi adottati, P9_TA(2023)0058.
[5] Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
[6] Eurostat, *More women than men* (Aktar nisa milli rġiel).
[7] Il-Parlament Ewropew, *Women and Transport*, (In-Nisa u t-Trasport) 2021.
[8] Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport, *Making the transport sector fit for women to work in*,

F. billi jeħtieġ li jiġi identifikat għaliex in-nisa huma sottorappreżentati fis-settur tat-trasport sabiex tiġi żviluppata politika dedikata; billi hemm nuqqas ta' data diżaggregata skont is-sess affidabbli u tal-analiżi tal-ġeneru meħtieġa biex fuqhom ikomplu jissejsu l-inizjattivi u l-miżuri ta' politika, jiġi mmonitorjat il-progress u vvalutat l-impatt ta' azzjonijiet immirati, bil-għan li s-settur tat-trasport tal-UE jsir aktar inklużiv u tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tiegħu għall-gruppi tal-utenti kollha; billi d-data disponibbli attwalment mhux dejjem hija komparabbli jew standardizzata u ma tistax tintuża b'mod effiċjenti; billi d-data diżaggregata skont il-ġeneru u fatturi soċjoekonomiċi, bħad-dħul, l-istat ċivili u l-arranġamenti ta' għajxien, u l-istatus ta' impjieg jistgħu jservu wkoll ta' kontribut prezzjuż għal politika tat-trasport ibbażata fuq l-evidenza li tindirizza d-differenzi tal-ġeneru b'mod xieraq[9];

G. billi l-fastidju sesswali tan-nisa, kemm jekk ikunu mexjin fit-triq, ser jaqbdu l-karozza tal-linja, jew fuq ferrovija, hija problema kbira li għandha impatt serju ħafna fuq l-imġiba tan-nisa fl-ivvjaġġar; billi l-biża' ta' fastidju f'postijiet pubbliċi ma hijiex limitata biss għal nisa u tfajliet, hija wkoll prevalenti fil-komunità LGBTQI+, u dan jillimita l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom;

H. billi huwa meħtieġ fehim komprensiv tal-utenti differenti tat-trasport fi kwalunkwe sforz favur il-promozzjoni tal-inklużjoni fit-trasport b'mod bilanċjat; billi l-attenzjoni li qiegħda tingħata lill-bżonnijiet tan-nisa fit-trasport pubbliku, fil-mobbiltà urbana u fl-ippjanar tal-infrastruttura, inkluż kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, tibqa' insuffiċjenti;

I. billi n-nisa huma sottorappreżentati bħala esperti u fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fis-settur tat-trasport u fl-ippjanar tal-mobbiltà urbana; billi li nifhmu x-xejriet fit-trasport u l-ħtiġijiet ta' mobbiltà huwa fundamentali għall-iżvilupp ta' politiki tat-trasport sensittivi għall-ġeneru li għandhom jipprovdu ambjent li jippermetti kemm lill-irġiel kif ukoll lin-nisa li jgawdu minn alternattivi ta' mobbiltà sikuri, aċċessibbli, affidabbli, sostenibbli u magħżulin liberament;

J. billi n-nisa huma aktar probabbli li jbatu minn faqar tat-trasport, li jaffettwa b'mod partikolari lill-ommijiet waħedhom, li jirrappreżentaw 85 % tal-familji b'ġenitur wieħed, gruppi minoritarji ta' nisa, nisa bi dħul baxx, kif ukoll nisa waħedhom, nisa b'diżabilità u nisa anzjani;

K. billi l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tkompli tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużività fil-modi kollha tat-trasport u fil-livelli kollha tiegħu;

L. billi n-nisa għandhom igawdu minn paga indaqs u opportunitajiet indaqs għall-iżvilupp tal-karriera u rappreżentazzjoni fil-livelli kollha, inkluż fi rwoli ta' maniġment u teħid ta' deċiżjonijiet;

M. billi data minn stħarriġ riċenti li nġabret mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Sessi (EIGE) turi li 35 % tan-nisa u 30 % tal-irġiel fl-UE jużaw it-trasport pubbliku

(Nagħmlu s-settur tat-trasport xieraq biex in-nisa jaħdmu fih) 2020.
[9] Il-Parlament Ewropew, *Women and Transport*, (In-Nisa u t-Trasport) 2021.

bħala l-mezz ta' trasport ewlieni tagħhom[10];

N. billi s-sewwiqa nisa huma inqas suxxettibbli għal imġiba riskjuża fis-sewqan mill-irġiel, b'mod partikolari sewqan b'veloċità għolja, u għandhom attitudnijiet aktar pożittivi lejn ir-regolamenti u s-sigurtà tat-traffiku; billi l-biċċa l-kbira tan-nisa li jmutu f'inċidenti tat-traffiku jkunu bil-mixi jew passiġġiera f'karozza, filwaqt li l-vittmi maskili prinċipalment ikunu fost is-sewwieqa tal-karozzi u ta' muturi[11];

O. billi d-differenzi fl-istruttura tal-ġisem u fil-bijoloġija bejn l-irġiel u n-nisa huma fattur ewlieni fil-vulnerabbiltà waqt ħabtiet bil-karozza; billi l-irġiel huma aktar probabbli li jkunu involuti f'ħabta bil-karozza inġenerali, iżda n-nisa involuti f'ħabta bil-karozza għandhom 47 % aktar probabilità li jindarbu serjament, 71 % aktar probabilità li jindarbu b'mod moderat[12] u 17 % aktar probabilità li jmutu mill-irġiel[13]; billi n-nisa għandhom ukoll id-doppju tal-probabilità li jibqgħu maqbudin ġo karozza maħbuta[14]; billi l-karozzi, iċ-ċintorini tas-sigurtà, u s-sedili tal-karozza ġew iddiżinjati bl-użu ta' manikini tat-testijiet ta' ħabtiet li huma bbażati prinċipalment fuq ġisem maskili medju; billi ġie żviluppat prototip għal manikin tat-testijiet ta' ħabtiet ibbażat fuq ġisem femminili medju imma għadu ma huwiex legalment meħtieġ fl-istandards tat-testijet ta' ħabtiet;

P. billi l-Missjoni tal-Ibliet tal-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li 100 belt isiru newtrali fil-klima sal-2030 b'diversi miżuri bħall-ħolqien ta' ċentri tal-ibliet mingħajr karozzi biex in-nies iserrħu aktar fuq it-trasport pubbliku, il-mobbiltà attiva u soluzzjonijiet tat-trasport b'emissjonijiet baxxi; billi, pereżempju, l-istħarriġ li sar mill-Awtorità tat-Trasport taż-Żona Metropolitana ta' Barċellona (ATM), l-Istitut għall-Istudji Reġjonali u Metropolitani ta' Barċellona (IERMB) u l-Gvern tal-Katalonja (Gencat) żvela li 91.6 % tan-nisa bejn l-etajiet ta' 16 u 25 sena esperjenzaw fastidju fuq it-trasport pubbliku; billi l-użu tat-teknoloġiji diġitali ġodda bħal sistemi bbażati fuq l-IA minn operaturi tat-trasport pubbliċi u privati jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mhux biss jaġixxu malajr meta jseħħu reati imma anke jipprevenuhom;

Q. billi l-bidliet demografiċi jfissru li l-kumpaniji tat-trasport fi kważi l-modi tat-trasport kollha qegħdin jaffaċċjaw problemi sinifikanti fir-reklutaġġ, b'mod partikolari fil-każ ta' persunal mobbli, b'tali mod li jekk jimpjegaw aktar nisa dan jista' jgħin biex itaffi n-nuqqasijiet ta' persunal fis-settur tat-trasport[15]; billi l-proporzjon ta' nisa impjegati fit-trasport pubbliku urban huwa ta' 17.5 % biss[16], inqas minn 10 % tax-xufiera huma nisa

[10] EIGE, [Gender in transport](#) (Il-Ġeneru fit-Trasport), 2017.
[11] ETSC, *Back on track to reach EU 2020 Road Safety Target?* (Lura fit-triq it-tajba biex nilħqu l-Mira dwar Sikurezza fit-Toroq tal-UE għall-2020?, 2013.
[12] Washington Post, *Female dummy makes her mark on male-dominated crash tests (Manikin Femminili tħalli marka fuq it-testijiet ta' ħabtiet iddominati mill-irġiel),* 2012.
[13] Amministrazzjoni Nazzjonali għas-Sikurezza tat-Traffiku fl-Awtostradi, *Injury Vulnerability and Effectiveness of Occupant Protection Technologies for Older Occupants and Women* (Vulnerabbiltà għal Korrimenti u Effettività tat-Teknoloġiji għall-Protezzjoni tal-Okkupani għal Okkupanti Anzjani u Nisa), Washington, DC, 2013.
[14] The Guardian, *Women almost twice as likely to be trapped in crashed vehicle, study finds* (Studju jsib li n-nisa għandhom kważi d-doppju tal-probabbiltà li jibqgħu maqbudin f'vettura maħbuta), 2022.
[15] Il-Kummissjoni Ewropea, *Good staff scheduling and rostering practices in transport: final report* (Prattiki ta' skedar u rostering tal-persunal tajbin fit-trasport: rapport finali), 2021.
[16] Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema tat-Trasport, *Women in Public Transport* (In-Nisa fit-Trasport Pubbliku), 2021.

u inqas min 6 % tal-impjegati f'fuzjonijiet tekniċi oħrajn huma nisa; billi t-trasport bit-triq iġorr 75 % tal-volum totali tal-merkanzija fl-Ewropa[17] u hemm nuqqas serju u dejjem jikber ta' sewwieqa tat-trakkijiet professjonali, li għandu konsegwenzi għall-industrija tal-loġistika kollha u għall-ekonomija; billi n-nisa jammontaw għal parti żgħira ħafna tas-sewwieqa tat-trakkijiet, minkejja livelli għoljin ta' qgħad fost in-nisa; billi miżuri ta' politika mfasslin apposta fil-livell tal-Istati Membri jistgħu jattiraw aktar nisa biex jaħdmu fis-settur, pereżempju billi jiġi indirizzat it-tħassib tas-sewwieqa dwar is-sikurezza, jiżdied in-numru ta' spazji ta' parkeġġ sikuri u jitqiesu kwistjonijiet ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

R. billi n-nisa jammontaw għal 29 % biss tal-forza tax-xogħol totali fl-industrija marittima inġenerali u 20 % tal-forza tax-xogħol tal-awtoritajiet marittimi nazzjonali fl-Istati Membri; billi l-baħħara nisa jammontaw għal 2 % biss tal-ekwipaġġ tal-vapuri u 34 % tal-forza tax-xogħol ta' kumpaniji sidien ta' vapuri[18]; billi fis-settur ferrovjarju Ewropew is-sehem medju ta' nisa huwa ta' madwar 20 %[19], u fit-trasport bl-ajru l-impjegati nisa jammontaw għal 40 % tal-forza tax-xogħol totali fl-Ewropa[20]; billi l-maġġoranza tal-impjegati nisa fl-avjazzjoni jaħdmu fis-servizz tal-klijenti u fl-amministrazzjoni; billi 3 % biss tal-piloti tal-linji tal-ajru madwar id-dinja huma nisa;

S. billi l-mobbiltà privata u t-trasport pubbliku huma essenzjali għaż-żoni rurali u għar-reġjuni ultraperiferiċi, speċjalment jekk jitqiesu l-bżonnijiet partikolari tal-anzjani, in-nisa, iż-żgħażagħ, it-turisti, jew dawk li huma ekonomikament marġinalizzati; billi l-promozzjoni u l-preservazzjoni ta' alternattivi tal-mobbiltà effiċjenti u affordabbli, li jippermettu konnettività u aċċessibbiltà aqwa, huma kruċjali għal opportunitajiet ekonomiċi u soċjali akbar f'dawn iż-żoni u r-reġjuni;

***Spinta mġedda għal aktar ġbir ta' data u statistika diżaggregata skont il-ġeneru biex tittejjeb aktar il-mobbiltà***

1. Iqis li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jidentifikaw il-kawżi tas-sottorappreżentazzjoni tan-nisa fis-settur tat-trasport u jiġbru aktar data u jistabbilixxu indikaturi ewlenin, bħal statistika sensittiva għall-ġeneru, data dwar fatturi soċjoekonomiċi u data dwar il-mobbiltà differenzjata skont il-ġeneru dwar l-użu u r-rekwiżiti għal kull mod tat-trasport u l-esponiment għar-riskju, kif ukoll data relatata mal-età u d-diżabilità, sabiex jidentifikaw u jegħlbu l-ostakli għan-nisa fit-trasport, itejbu s-sikurezza fit-toroq, jifhmu x-xejriet tal-ivvjaġġar u jottimizzaw il-mobbiltà, filwaqt li jqisu l-bżonnijiet tan-nisa, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għad-disinn tat-trasport pubbliku u ta' inizjattivi ta' politika relatati kemm mal-ħaddiema kif ukoll mal-utenti tat-trasport, u li d-data miġbura għandha ssir disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha; ifakkar li t-tfassil tal-politika tal-UE fil-qasam tat-trasport għandu jkun ibbażat fuq data affidabbli, aċċessibbli u dettaljata, flimkien ma' valutazzjonijiet tal-impatt, sabiex jgħin fl-integrazzjoni ta' approċċ responsiv għall-ġeneri fil-politiki

[17] Eurostat 2021.
[18] Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Tbaħħir u l-Kummerċ tan-Nisa (WISTA), *Women in maritime survey* (Stħarriġ dwar in-nisa fl-industrija marittima), 2022.
[19] Il-Kummissjoni Ewropea, *European Commission Announces Winners of Women in Rail Award* (Il-Kummissjoni Ewropea Tħabbar ir-Rebbieħa tal-Premju Nisa fis-Settur Ferrovjarju), 2022.
[20] Eurostat, 2017.

tal-UE rilevanti kollha sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tan-nisa b'mod effettiv;

2. Jinnota li r-riżultati tal-istudju "In-Nisa u t-Trasport"[21] żvelaw nuqqas ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u kriterji oħrajn bħall-età u d-diżabilità; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk għandiex tinkludi l-kondiviżjoni ta' data dwar il-ġeneru fost l-atturi tat-trasport fl-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data bil-għan li tindirizza l-lakuni fid-data dwar it-trasport u tinforma t-tfassil ta' politiki;

3. Jindika li l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-miżuri tat-trasport implimentati huwa essenzjali sabiex dawn jevolvu skont ix-xejriet tal-mobbiltà li qed jinbidlu fost in-nisa u l-irġiel, u soċjetà li qed tixjieħ; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali, inkluż ma' għaqdiet tan-nisa u LGBTQI+ ikattru l-valur f'termini ta' ottimizzazzjoni tal-miżuri ta' politika tat-trasport; jisħaq ukoll li l-involviment tal-partijiet ikkonċernati huwa kritiku sabiex il-bżonnijiet tal-utenti tat-trasport jiġu mifhuma u milħuqa aħjar, speċjalment il-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa, fid-diversità kollha tagħhom, kif ukoll biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati[22]; jistieden lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jinkorporaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fl-ippjanar tat-trasport u tal-mobbiltà urbana rilevanti kollu;

4. Jisħaq li l-ebda pajjiż fl-UE għadu ma kiseb pagi ugwali għall-irġiel u għan-nisa; jenfasizza wkoll id-diffikultà għall-ksib ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali għall-irġiel u għan-nisa fis-settur tat-trasport bħal f'setturi oħrajn[23]; jistieden għalhekk lill-Istati Membri kollha biex jindirizzaw id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u jimplimentaw id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi[24] proposta;

5. Jinnota li servizz ta' mobbiltà fuq talba wera li kien soluzzjoni popolari fejn ġie offrut f'żoni b'talba baxxa u rurali jew reġjuni ultraperiferiċi u għandu l-potenzjali li jissodisfa xi wħud mill-bżonnijiet mhux milħuqa mill-kwalità tat-trasport pubbliku li f'dawn iż-żoni qed tiddeterjora;

6. Jilqa' l-gwida tal-Kummissjoni dwar il-proġetti taċ-ċikliżmu fl-UE, li tiġbor flimkien il-pariri eżistenti f'riżorsa ta' gwida online waħdanija, konsistenti u universali li tippermetti lill-utenti jidentifikaw l-aktar informazzjoni relevanti għas-sitwazzjoni tagħhom; jisħaq li t-titjib tas-sikurezza taċ-ċiklisti huwa ta' importanza kruċjali, inkluż is-sikurezza tal-korsiji tar-roti u billi tingħata gwida komuni dwar it-tagħmir tas-sikurezza għaċ-ċikliżmu, peress li dawn huma fatturi ewlenin biex jitkattar interess fiċ-ċikliżmu kemm fost in-nisa kif ukoll fost l-irġiel; f'dan ir-rigward jitlob lill-Parlament u lill-Kunsill biex jaqblu li l-infrastruttura taċ-ċikliżmu flimkien man-network ta' toroq pubbliċi jkunu koperti minn sistemi ta' trasport intelliġenti f'perjodu ta' żmien

---

[21] Il-Parlament Ewropew *Women and transport* (In-Nisa u t-Trasport), 2021.
[22] Il-Kummissjoni Ewropea, *Study on the social dimension of the future EU transport system regarding users and passengers: final report* (Studju dwar id-dimensjoni soċjali tas-sistema tat-trasport futura tal-UE rigward l-utenti u l-passiġġieri: rapport finali), 2022.
[23] Il-Parlament Ewropew, *Equal pay for equal work between men and women: Pay transparency and enforcement mechanisms* (Pagi ugwali għal xogħol ugwali bejn l-irġiel u n-nisa: Trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar), 2023.
[24] Proposta għal direttiva għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (COM(2021)93).

raġonevoli, filwaqt li li jemendaw id-Direttiva 2010/40/UE[25];

*Post mingħajr periklu u sigur*

7. Jisħaq li kwalunkwe forma ta’ diskriminazzjoni, fastidju, bullying, intimidazzjoni jew vjolenza fil-post tax-xogħol għandha tkun eliminata; għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi favur l-inklużjoni ta’ dispożizzjonijiet relatati mal-ġeneri fil-leġiżlazzjoni rilevanti kollha, f’konformità mal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti[26] u mal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, bil-għan li tindirizza d-diskriminazzjoni abbażi ta’ ġeneru u l-inugwaljanzi, u tiżgura ambjent tax-xogħol ġust u sikur għan-nisa fil-modi tat-trasport kollha, kif ukoll kwalunkwe miżura preventiva u dissważiva meħtieġa (eż. żoni ta’ parkeġġ sikuri);

8. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex tippromwovi approċċ ta’ bilanċ bejn il-ġeneri għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol inkluż valutazzjoni tar-riskju speċifika għall-ġeneru tal-post tax-xogħol, aċċess sikur għal faċilitajiet sanitarji adegwati fil-post tax-xogħol u matul l-infrastruttura tat-trasport inkluż il-pawżi meħtieġa u miżuri għal sitwazzjonijiet ta’ emerġenza, bħal sistemi ta’ sorveljanza tal-kameras u buttuni ta’ emerġenza fejn possibbli, pereżempju fi stazzjonijiet tal-iċċarġjar mingħajr attendenza u fit-trasport pubbliku, li jippermettu konnessjoni immedjata mas-servizzi ta’ emerġenza lokali, bħala mod kif jiġu miġġielda l-kriminalità u l-fastidju sabiex tittejjeb is-sikurezza tat-trasport u tal-mobbiltà, b’mod partikolari għan-nisa; jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-kwistjoni tan-nuqqas ta’ faċilitajiet sanitarji xierqa għal nisa u rġiel fil-post tax-xogħol, b’mod partikolari fis-settur tat-trasport;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta’ politiki u leġiżlazzjoni eżistenti biex jindirizzaw id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għan-nisa u l-irġiel fis-settur tat-trasport, inkluż miżuri jew inizjattivi li jistgħu jtejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li jkun ta’ benefiċċju għall-ħaddiema kollha;

10. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri kollha biex jippromwovu inizjattivi u jrawmu kuxjenza sabiex jipprevjenu t-tipi kollha ta’ diskriminazzjoni, kif ukoll biex jippromwovu miżuri li jiżguraw postijiet tax-xogħol sikuri, inkluż permezz ta’ kampanji ta’ sensibilizzazzjoni u informazzjoni, taħriġ u protokolli li jistabbilitxxu proċeduri legali ċari għall-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi ta’ ġeneru u tal-fastidju fil-postijiet tax-xogħol kollha relatati mat-trasport, waqt li jiżguraw li l-persunal li jaħdem fis-settur tat-trasport ikun imħarreġ biex jirreaġixxi f’każ ta’ fastidju, jew fil-post tax-xogħol jew inkella fit-trasport pubbliku; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni toffri ħarsien lin-nisa li kienu vittmi ta’ vjolenza tal-ġeneru kif ukoll proċeduri ta’ rappurtar għal inċidenti ta’ fastidju psikoloġiku jew motivat sesswalment, bl-appoġġ ta’ strateġiji prattiċi għall-prevenzjoni u valutazzjoni tar-riskju tal-vjolenza abbażi ta’ ġeneru, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji psikoloġiċi;

---

[25] Id-Direttiva 2010/40/UE tas-7 ta’ Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta’ Sistemi ta’ Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma’ modi oħrajn ta’ trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).
[26] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur” (COM(2020)0789).

***Post tax-xogħol li joffri appoġġ***

11. Jinnota li fl-2018 il-Eurostat sab li r-rata tal-qgħad għan-nisa fl-età ta' bejn 20 u 64 sena fl-UE kienet ta' 67 % waqt li r-rata ta' impjieg għan-nisa fis-settur tat-trasport Ewropew hija saħansitra iżjed baxxa (22 %); jinnota, f'dan ir-rigward, li madwar terz (30 %) tan-nisa impjegati fl-UE kienu qed jaħdmu fuq bażi part-time, li hija kważi erba' darbiet ogħla mir-rata għall-irġiel (8 %); għaldaqstant jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu u jappoġġjaw impjiegi fuq bażi full-time u part-time għan-nisa, possibilment permezz ta' inizjattivi ta' politika bħal appoġġ għall-aċċess għall-kura tat-tfal;

12. Jinnota li n-nisa jirrappreżentaw madwar 52 % tal-popolazzjoni totali fl-Ewropa, iżda jikkostitwixxu 34.4 % ta' dawk li jaħdmu għal rashom u 30 % tal-intraprendituri ta' negozji ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu r-rwol tan-nisa fin-negozju u l-intraprenditorija tan-nisa fis-settur tat-trasport billi jappoġġjaw l-opportunitajiet ta' networking u taħriġ u l-programmi ta' mentoraġġ, u biex jikkunsidraw li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru u d-dimensjoni soċjali meta jfasslu politiki fis-settur tat-trasport, permezz ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Membri, operaturi tat-trasport u għaqdiet nazzjonali biex jiżviluppaw korsijiet ta' taħriġ permezz ta' programmi tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+), imfassla biex iħeġġu l-interess tan-nisa fis-settur tat-trasport; jistieden lill-Istati Membri biex joqogħdu attenti għall-bilanċ bejn il-ġeneri fi proġetti ta' taħriġ u programmi dwar teknoloġiji intelliġenti u trasformazzjoni ekoloġika, u biex jiffukaw fuq li jagħtu s-setgħa lin-nisa permezz ta' edukazzjoni u taħriġ biex jgħammruhom bil-kompetenzi u l-kwalifiki li jeħtieġu għall-iżvilupp individwali tal-karriera tagħhom; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet[27] f'kumpaniji tat-trasport applikabbli mingħajr dewmien;

13. Jilqa' t-tnedija fis-27 ta' Novembru 2017 ta' Nisa fit-Trasport – Pjattaforma tal-UE għall-bidla, fejn partijiet ikkonċernati Ewropej jistgħu jitgħallmu minn xulxin għall-benefiċċju tan-nisa u l-irġiel fis-settur tat-trasport u jaqsmu flimkien l-aħjar prattiki f'oqsma bħas-sikurezza fit-trasport; jitlob f'dan ir-rigward għal aktar inizjattivi li jagħtu spinta u prijorità lill-impjegabbiltà tan-nisa fis-settur tat-trasport; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema, b'mod partikolari fil-każ tal-forza tax-xogħol femminili, billi jippromwovu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv li jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri u l-inklużjoni;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi opportunitajiet ta' taħriġ indaqs għall-irġiel u għan-nisa; jenfasizza li t-taħriġ huwa wieħed mis-sisien ewlenin tal-iżvilupp professjonali u personali b'tali mod li jżomm livelli professjonali ekwivalenti għall-irġiel u għan-nisa, inkluż taħriġ speċifiku fl-ugwaljanza u fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

15. Jinnota li n-nisa huma tradizzjonalment sottorappreżentati fl-edukazzjoni teknika u f'oqsma bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinjerija u l-matematika (STEM), li huma kruċjali għall-iżvilupp tas-settur tal-mobbiltà u tat-trasport; jisħaq li Orizzont Ewropa

---

[27] Id-Direttiva (UE) 2022/2381 tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 44).

qed jikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi u tappoġġja proġetti sensittivi għall-ġeneru u biex tidentifika mudelli ta' nisa eżemplari;

16. Iqis li n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tat-trasport jista' joħloq opportunitajiet għan-nisa, imma biex jittieħed benefiċċju minn dawn l-opportunitajiet jeħtieġ li jiġu eliminati l-ostakli biex jiġu impjegati n-nisa u aktar kuxjenza fost l-impjegaturi dwar l-eżistenza u l-implikazzjonijiet ta' dawn l-ostakli; jisħaq li miżuri bbażati fil-kumpaniji għandhom jiġu appoġġjati minn sforzi istituzzjonali u soċjetali usa' biex imexxu 'l quddiem il-bidliet meħtieġa biex jiġu impjegati aktar nisa fis-settur tat-trasport kif ukoll tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa f'oqsma tekniċi bħall-iSTEM; jisħaq f'dan ir-rigward li l-isterjotipi jeħtieġ li jiġu eradikati minn età bikrija permezz tal-edukazzjoni, biex jitwessgħu l-opportunitajiet tal-karriera għan-nisa; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tinvolvi lil partijiet ikkonċernati Ewropej u nazzjonali biex jiddiskutu kwistjonijiet rilevanti fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri; jilqa', f'dan ir-rigward, inizjattivi bħall-avveniment Aviation 4 Girls li jħeġġeġ liż-żgħażagħ isegwu karrieri fl-iSTEM, fejn in-nisa għadhom sottorappreżentati;

17. Jenfasizza l-iżbilanċi potenzjali fil-forza tax-xogħol tas-settur tat-trasport li jirriżultaw mill-politiki ta' reklutaġġ u selezzjoni; jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu kampanji ta' reklamar immirati li jħeġġu lin-nisa japplikaw għal xogħol fis-settur tat-trasport, biex jippromwovu governanza korporattiva u politiki ta' riżorsi umani responsivi għall-ġeneri, bħal politiki ta' pagi ugwali, faċilitajiet għall-kura tat-tfal fil-post, ħinijiet tax-xogħol flessibbli u l-għażla ta' xogħol part-time, kif ukoll l-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol imfassal b'mod xieraq, flimkien ma' tagħmir u lbies personali protettiv, kabini tas-sewwieqa, faċilitajiet biex wieħed ibiddel u sanitarji suffiċjenti u sikuri, eċċ.

***In-nisa bħala utenti tat-trasport, trasport sikur, infrastruttura u mobbiltà***

18. Jinnota li n-nisa jużaw it-trasport pubbliku aktar ta' spiss mill-irġiel; jinnota wkoll li n-nisa spiss jgħidu li ma jħossuhomx sikuri meta jużaw it-trasport pubbliku, speċjalment wara li jidlam u fi nħawi mwarrbin; jenfasizza li n-nisa għandhom dejjem ikunu jistgħu jużaw it-trasport mingħajr theddid, sitwazzjonijiet skomdi jew il-preżenza ta' periklu; għaldaqstant jistieden lill-Istati Membri biex ifasslu pjanijiet nazzjonali kontra l-fastidju sesswali fuq it-trasport pubbliku (pereżempju, simili għall-pjan li tnieda fi Franza[28]) u jipprovdu gwida lill-partijiet ikkonċernati bl-użu ta' settijiet ta' għodod, possibilment f'kooperazzjoni mal-Pjattaforma Nisa fit-Trasport

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex janalizzaw il-bżonnijiet tan-nisa ta' kull età li jużaw it-trasport pubbliku biex jiżguraw li jkun inklużiv, aċċessibbli, affordabbli, affidabbli, effiċjenti u sikur, peress li dan ser jgħin biex jiġi garantit l-aċċess tan-nisa għall-impjieg u l-ħajja soċjali; jindika, f'dan ir-rigward, li miżuri preventivi bħal li l-waqfiet ta' tal-linja jitqiegħdu f'postijiet b'viżibilità għolja, titjib fit-tidwil, buttuni ta' emerġenza, persunal disponibbli fuq it-trasport u waqfiet fil-postijiet mitluba billejl jistgħu jtejbu s-sikurezza; jenfasizza wkoll li disinn aħjar tal-infrastruttura bħal stazzjonijiet tal-karozzi tal-linja tefa' ta' ġebla 'l bogħod bil-mixi, servizzi aktar

[28] Haut Conseil à l'Egalité, [*Avis sur le harcèlement sexiste et les violences sexuelles dans les transports en commun*]() (Opinjoni dwar il-fastidju sessista u l-vjolenza sesswali fit-trasport pubbliku) , Pariġi, 2015.

frekwenti matul sigħat mhux ta' traffiku intensiv, aktar disponibbiltà tas-servizz għal nisa li jgħixu f'żoni rurali u infrastruttura maħsuba għall-użu ta' pushchairs jistgħu jżidu l-użabbiltà għan-nisa u jħeġġu lin-nisa jużaw it-trasport pubbliku; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex tadotta linji gwida għal infrastruttura tat-trasport inklużiva;

20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex iqisu l-bżonnijiet ta' mobbiltà tal-indokraturi meta jippjanaw, ifasslu u jimplimentaw miżuri tat-trasport (eż. billi jadattaw l-infrastruttura biex taqdi l-bżonnijiet tal-indokraturi;

21. Jenfasizza li t-teknoloġiji diġitali l-ġodda, b'mod partikolari sistemi bbażati fuq l-IA, jistgħu jtejbu ħafna s-sikurezza u s-sigurtà tas-sistemi tat-trasport; jindika f'dan ir-rigward li peress li ċ-ċentri tat-trasport huma fost il-postijiet li huma l-iżjed esposti għall-kriminalità u spiss ikunu fejn iseħħu vjolenza u disturbi serji, ħafna nies, b'mod partikolari n-nisa, joqogħdu lura milli jużaw it-trasport pubbliku minħabba l-perċezzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà; jisħaq fuq ir-relevanza tal-Att dwar l-IA[29] biex jiġi rregolat l-użu tal-IA għal finijiet ta' infurzar tal-liġi inkluż il-kapaċità li tiġi miġġielda l-kriminalità fuq is-sistemi tat-trasport pubbliku, speċjalment reati vjolenti bħal serq, attakki u fastidju sesswali li jolqtu b'mod partikolari lin-nisa u lill-komunità LGBTQI+; iqis, għaldaqstant, li l-UE għandha toħloq strateġija għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi ta' ġeneru fuq it-trasport pubbliku;

22. Jenfasizza l-importanza li l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi jaħdmu flimkien biex jiżguraw trasport pubbliku sikur għall-impjegati nisa meta jkunu sejrin u ġejjin lura mix-xogħol, inkluż ir-responsabbiltà tal-impjegaturi li jipprovdu trasport sikur għal ħaddiema li jmorru lura d-dar billejl wara xift fit-tard jew fejn it-trasport pubbliku ma jkunx disponibbli, permezz ta' valutazzjoni tar-riskju speċifika għall-ġeneru fl-ippjanar tat-trasport;

23. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri xierqa meta jippjanaw infrastruttura tat-trasport ġdida jew meta jagħmlu titjib f'dik eżistenti biex jiżguraw l-aċċessibbiltà u s-sikurezza għall-utenti kollha, speċjalment in-nisa, il-persuni b'diżabilità jew b'mobbiltà mnaqqsa u persuni oħrajn f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà; jinnota li t-tfittxija għal sinerġiji bejn in-nodi differenti, il-promozzjoni ta' modi attivi u t-tnaqqis tal-konġestjoni għandhom iqisu l-aspetti tas-sikurezza u s-sigurtà; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politiki tat-trasport pubbliku li jiffaċilitaw il-mobbiltà għan-nies b'diżabilità, speċjalment in-nisa b'diżabilità u mobbiltà mnaqqsa, u jippromwovu t-taħriġ dwar l-aċċessibbiltà għall-professjonisti tat-trasport pubbliku;

24. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex iqisu tidwil xieraq u linji viżivi ċari kif ukoll li jeliminaw irkejjen imwarrbin, kantunieri u żoni mhux imdawlin sew u iżolati li jistgħu jiffaċilitaw attakki meta jkunu qed ifasslu l-infrastruttura tat-trasport, speċjalment f'ċentri tat-trasport ta' tranżitu[30];

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqsmu ma' xulxin l-aħjar prattiki dwar kif jiżguraw is-sikurezza għan-nisa li jużaw it-trasport u biex jiffaċilitaw dan id-

---

[29] Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-att dwar l-intelliġenza artifiċjali) (COM(2021)0206).

[30] Forum Internazzjonali dwar it-Trasport tal-OECD, *Women's Safety and Security: A Public Transport Priority* (Is-Sikurezza u s-Sigurtà tan-Nisa: Prijorità fit-Trasport Pubbliku), 2018.

djalogu għall-kumpaniji tat-trasport;

26. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex jiżviluppaw pjanijiet immirati biex iżidu l-użu taċ-ċikliżmu kemm fost in-nisa kif ukoll l-irġiel, jindirizzaw aspetti tal-ġeneru biex jegħlbu l-ostakli kollha li jipprevjenu lin-nies milli jibdew jużaw iċ-ċikliżmu;

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw standards għat-testijiet ta' ħabtiet b'manikini li jiżguraw li t-testijiet għall-prestazzjoni tas-sikurezza u tal-ħabtiet jinkludu manikini bbażati fuq il-ġisem femminili medju, inkluż diversi aspetti bħall-età, il-ġeneru, id-daqs u t-tul għall-utenti, kemm ġol-vetturi u barra minnhom; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-industrija biex jiżguraw li tingħata biżżejjed attenzjoni lill-fiżjoloġija femminili meta jiddiżinjaw l-ergonomija tal-vetturi u s-sistemi ta' sikurezza tagħhom;

28. Ifakkar li hemm disponibbli firxa wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE għall-Istati Membri biex jinvestu fil-bżonnijiet ta' mobbiltà tan-nisa u fl-impjiegi tan-nisa fis-settur tat-trasport, kif ukoll biex jindirizzaw il-faqar tal-mobbiltà, inkluż il-FEŻR, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), il-Fond Soċjali għall-Klima (SCF) u l-Fond ta' Koeżjoni; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-investimenti bl-appoġġ ta' dawk il-fondi sabiex itejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-settur tat-trasport.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 21.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 36<br>–: 3<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, Erik Bergkvist, Karolin Braunsberger-Reinhold, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Carlo Fidanza, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Caroline Nagtegaal, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov, Lucia Vuolo, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Tom Berendsen, Sara Cerdas, Leila Chaibi, Nicola Danti, Andor Deli, Markus Ferber, Valter Flego, Maria Grapini, Andrey Novakov, Andreas Schieder |
| **Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali** | Asim Ademov, Moritz Körner |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 36 | + |
|---|---|
| ID | Philippe Olivier |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Asim Ademov, Tom Berendsen, Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Markus Ferber, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Andrey Novakov, Massimiliano Salini, Lucia Vuolo |
| Renew | Nicola Danti, Valter Flego, Elsi Katainen, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet |
| S&D | Andris Ameriks, Erik Bergkvist, Sara Cerdas, Ismail Ertug, Maria Grapini, Rovana Plumb, Andreas Schieder, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov |
| The Left | Leila Chaibi, Elena Kountoura |
| Verts/ALE | Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Tilly Metz |

| 3 | - |
|---|---|
| ECR | Carlo Fidanza, Kosma Złotowski |
| NI | Andor Deli |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Peter Lundgren |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni